

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 1350/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2013

li jemenda ċerti atti leġislattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾

Billi:

(1) Numru ta' atti leġislattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd ("l-atti leġislattivi") jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħat li timplimenta wħud mid-dispożizzjonijiet ta' daww l-atti leġislattivi. Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, daww is- setgħat ta' implementazzjoni għandhom jiġu allinjati mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) Il-Kummissjoni impenjat ruħha, li tirrevedi atti leġislattivi li bħalissa fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju fid-dawl tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 290 TFUE.

(3) Sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-atti leġislattivi, b'mod partikolari biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE.

(4) Fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE ⁽²⁾ sabiex jitqiesu l-esperjenza miksuba u l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' impriżi agrikoli, fir-rigward tal-lista ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-istħarriġ u tad-definizzjonijiet standard applikabbli għall-komunikazzjoni tar-riżultati għall-prodotti varji.

(5) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi għall-Annessi I u II għal dak ir-Regolament.

(6) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi tekniċi għall-Annessi għal dak ir-Regolament.

(7) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi għall-Annessi għal dak ir-Regolament.

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 dwar sħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib (ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontabbiltà ekonomika għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1).

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2013 '... (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2013.

- (8) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi għall-Annessi I, II, IV u V għal dak ir-Regolament.
- (9) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi għall-Annessi I, II, III u IV għal dak ir-Regolament, fir-rigward tal-listi ta' żoni tas-sajd statistiċi, jew tas-suddiviżjonijiet tagħhom, u tal-ispeċi.
- (10) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi I, II, III u IV għal dak ir-Regolament, fir-rigward tal-listi tal-ispeċi u taż-żoni tas-sajd statistiċi d-deskrizzjonijiet ta' dawk iż-żoni, kif ukoll fir-rigward tal-miżuri, il-kodifikazzjoni u d-definizzjonijiet applikati għall-attivitàjiet tas-sajd, it-tagħmir tas-sajd, id-daqs tal-bastimenti u l-metodi tas-sajd.
- (11) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi I, II, u III, għal dak ir-Regolament, fir-rigward tal-listi tal-ispeċi u taż-żoni tas-sajd statistiċi, id-deskrizzjonijiet ta' dawk iż-żoni tas-sajd u l-grad permess tal-aggregazzjoni tad-dejta.
- (12) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tat-tabelli ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Anness għal dak ir-Regolament.
- (13) Meta jiġu addottati l-atti delegati, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-atti delegati previsti fl-atti leġislattivi jipponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.
- (14) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti leġislattivi, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾.
- (15) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (SCAS) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE ⁽⁷⁾ jipprova pariri lill-Kummissjoni u jgħinha fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha skont l-atti leġislattivi. Taħt l-istrateġija għal struttura ġdida tas-Sistema Statistika Ewropea (l-SSE), bl-għan li jitjiebu l-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-SSE, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, għandu jkollu rwol ta' konsultazzjoni u għandu jgħin lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha. Għal dak l-għan, l-atti leġislattivi għandhom jiġu emendati bis-sostituzzjonitar-referenza lill-SCAS b'referenza għall-ESSC. Il-Kummissjoni għandha tissokta tikkonferixxi mal-esperti tal-istatistika agrikola u tas-sajd qabel ma tressaq materja quddiem l-ESSC.
- ⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1).
- ⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumieq fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).
- ⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).
- ⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).
- ⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1).
- ⁽⁶⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
- ⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE tal-31 ta' Lulju 1972 li twaqqaf Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1).
- ⁽⁸⁾ Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (16) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament huma l-allinjament tal-konferiment eżistenti ta' setgħat lill-Kummissjoni fl-atti leġislattivi mat-TFUE u mal-qafas ġuridiku ġdid li jirriżulta mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, u, fejn xieraq, ir-rieżami tal-ambitu ta' dawk is-setgħat. Billi dawk l-oġġettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (17) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament m'għandux jaffetwa l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri, previsti fl-atti leġislattivi li nbdew iżda ma jkunux tlestew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (18) Billi l-emendi li saru għad-Direttiva 96/16/KE huma ta' natura teknika u jikkonċernaw biss il-proċedura ta'

kumitat, dawk l-emendi m'għandhomx għalfejn jiġu trasposti mill-Istati Membri,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-atti leġislattivi elenkati fl-Anness huma emendati skont dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma għandux jaffetwa l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri previsti fl-atti leġislattivi elenkati fl-Anness li nbdew iżda li ma jkunux tlestew sa fl-10 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
M. SCHULZ

Għall-Kunsill
Il-President
V. LEŠKEVIČIUS

ANNEX

1. Id-Direttiva 96/16/KE hija emendata kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, il-punt 2 huwa sostitwit b'li ġej:

“2. għandhom iwettqu sħarriġ annwali dwar il-produzzjoni tal-ħalib u l-użu tiegħu fl-azjendi agrikoli fit-tifsira tal Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar sħarriġ ta' strutturi ta' l-impriżi agrikoli u sħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).”;

(b) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6a, biex temenda l-lista ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-isħarriġ u biex tistipula definizzjonijiet standard applikabbli għall-komunikazzjoni tar-riżultati għall-prodotti varji.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi; huma ma jbidlux in-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest; uma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kifxieraq l-azzjonijiet statistiċi previsti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(c) fl-Artikolu 5 (2), it-tieni subparagrafu jinbidel b'li ġej:

“Ir-rapporti metodoloġiċi, id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tad-dejta u kull kwistjoni oħra relatata mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu eżaminati darba fis-sena mal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull sena bl-informazzjoni metodologiċa dwar l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), permezz ta' kwistjonarju standard. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jfasslu dawk kwistjonarji standard. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).”;

(d) fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'li ġej:

“1 Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw tabelli għat-trasmissjoni ta' dejta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).”;

(e) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 6a

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 3(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 3(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(f) L-Artikolu 7 jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jinbidel b' li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4 biex temenda l-metodoloġija tal-EAA stipulata fl-Anness I. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu limitati għall-ispeċifikar u t-titjib tal-kontenut tal-Anness I sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni armonizzata jew sabiex tiġi żgurata komparabilità internazzjonali.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ma jbidlux il-kunċetti sottostanti fl-Anness I, ma jeħtiġux riżorsi addizzjonali għall-produtturi fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea għall-implimentazzjoni tagħhom u ma jimpunux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).";

(b) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jinbidel b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4 biex temenda l-lista tal-kwantitajiet varjabbli għall-provvista tad-dejta stabbiliti fl-Anness II.

Dawk l-atti delegati ma għandhomx jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.";

(c) L-Artikolu 4 jinbidel b' li ġej:

"Artikolu 4

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 3(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) jew l-Artikolu 3(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b' li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti u tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri."

(b) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jinbidel b' li ġej:

“1. Fejn l-inklużjoni fl-istatistika ta' settur partikolari ta' l-industrija tas-sajd ta' Stat Membru tkun ser toħloq diffikultajiet għall-awtoritajiet nazzjonali li huma sproporzjonati għall-importanza tas-settur, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu deroga li tippermetti lil dak l-Istat Membru jeskludi dejta statistika li tkopri lil dak is-settur mid-dejta tal-istatistika nazzjonali ppreżentata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).”;

(c) L-Artikolu 9 jinbidel b' li ġej:

“Artikolu 9

Emendi tekniċi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward ta' emendi tekniċi għall-Annessi. Dawk l-atti delegati m'għandhomx ibiddlun-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest jew jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(d) Jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

“Artikolu 10a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(e) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

*“Artikolu 11***Il-proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”.

4. Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b' li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti u tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri.”

(b) fl-Artikolu 8, paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fejn l-inklużjoni fl-istatistika ta' settur partikolari tal-attivitajiet tal-akwakultura ta' Stat Membru tkun ser toħloq diffikultajiet għall-awtoritajiet nazzjonali li huma sproporzjonati għall-importanza tas-settur, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu deroga li tippermetti lil dak l-Istat Membru jeskludi dejta statistika li tkopri lil dak is-settur mid-dejta tal-istatistika nazzjonali ppreżentata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).”;

(c) L-Artikolu 9 jinbidel b' li ġej:

*“Artikolu 9***Dispożizzjonijiet tekniċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a, fir-rigward tal-emendi tekniċi għall-Anness I biex taddatta d-definizzjonijiet għall-bidliet fid-definizzjonijiet internazzjonali, ufir-rigward tal-emendi għall-Annessi II sa VI.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ma jbidlux in-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovdu li f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-format li fih l-istatistika għandha tiġi ppreżentata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).

(*) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(d) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 9a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(1) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 9(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċizzjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċizzjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(e) L-Artikolu 10 jinbidel b' li ġej:

“Artikolu 10

Il-proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”.

5. Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Artikolu 18 jinbidel b' li ġej:

“Artikolu 18

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19, fir-rigward tal-emendi għall-Annessi I, II, IV u V.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, m'għandhomx ibiddu n-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).";

(b) L-Artikolu 19 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 18 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 18 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurkaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

6. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5 jinbidel b' li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 5, biex jiġu emendati l-Annessi I, II, III u IV, fir-rigward tal-listi ta' żoni tas-sajd statistiċi, jew tas-suddiviżjonijiet tagħhom, u tal-ispeċijiet. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)."

(b) L-Artikolu 5 jinbidel b'li ġej:

"Artikolu 5

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(5) għandu jidħol fis-seħħ biss ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(c) L-Artikolu 6 jinbidel b' li ġej:

"Artikolu 6

1. Sal-14 ta' Novembru 1996, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport dettaljat lill-Kummissjoni li jiddeskrivi kif id-dejta dwar il-qabdiet tkun inkisbet waqt li jispeċifikaw il-grad ta' rappreżentattività u ta' affidabilità ta' din id-dejta. Il-Kummissjoni għandha tħejji taqsira ta' dawn ir-rapporti għad-diskussjoni mal-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull bidla fl-informazzjoni mogħtija taħt paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-okkorrenza tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilità tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament darba f'sena mal-Istati Membri."

7. Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6, biex temenda l-Annessi I, II, III u IV, fir-rigward tal-listi tal-ispeċijiet u ż-żoni tas-sajd statistiċi u d-deskrizzjonijiet ta' dawk iż-żoni, kif ukoll il-miżuri, il-kodiċi u d-definizzjonijiet applikati għall-attivitajiet tas-sajd, it-tagħmir tas-sajd, id-daqs tal-bastimenti u l-metodi tas-sajd.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ma jbidlux n-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(b) L-Artikolu 6 jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 6

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 2(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmag lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(c) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jinbidel b'li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti metodoloġiċi, id-disponibiltà tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament darba f'sena mal-Istati Membri.”.

8. Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 5, biex temenda l-Annessi I, II u III, IV u V, fir-rigward tal-listi tal-ispeċi u taż-żoni tas-sajd statistiċi, id-deskrizzjonijiet ta' dawn iż-żoni ta' sajd u l-grad permess tal-aggregazzjoni tad-dejta.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ikunu meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ma jbidlux n-natura fakoltattiva tat-tagħrif rikjest u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispejża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(b) L-Artikolu 5 jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 5

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adożzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfaasal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 2(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċizzjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċizzjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(c) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b'li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilità tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament darba f'sena mal-Istati Membri.”.

9. Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8a biex temenda t-tabelli ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Anness.

Dawk l-atti delegati m'għandhomx jemendaw il-frekwenza tar-rapportaġġ u l-iskadenzi. jew jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.”

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).”;

(b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 8a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 6(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemija fl-Artikolu 6(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(c) L-Artikoli 9 u 10 huma mħassra:

(d) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(e) fl-Artikolu 12, it-tieni paragrafu jinbidel b' li ġej:

“Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.”.